

Brussell, 10 ta' Ġunju 2022
(OR. en)

9573/22

CDR 62

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Deċiżjoni tal-Kunsill li taħtar membru, propost mir-Renju tan-Netherlands, fil-Kumitat tar-Reġjuni - Adozzjoni

1. Permezz ta' ittra tal-24 ta' Jannar 2022, is-Segretarju Ġenerali tal-Kumitat tar-Reġjuni għarraf lill-Kunsill bir-riżenja tas-Sur Henk STAGHOUWER, membru fil-Kumitat tar-Reġjuni.¹
2. Skont l-Artikolu 305 TFUE, il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni jinħatru mill-Kunsill, li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata fuq proposti mill-Istati Membri rispettivi.
3. Skont dik id-dispożizzjoni u għas-sostituzzjoni tas-Sur Henk STAGHOUWER, il-Gvern Netherlandiż ippropona² lis-Sur Johan HAMSTER, rappreżentant ta' korp reġjonali politikament responsabbli quddiem assemblea eletta, *Lid van de Gedeputeerde Staten van de provincie Groningen ("Gedeputeerde")* (Membru tal-Eżekuttiv Provinċjali tal-Provinċja ta' Groningen (Ministru Reġjonali)), bħala membru tal-Kumitat tar-Reġjuni sal-15 ta' Marzu 2023.

¹ 5860/22.

² 9487/22.

4. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa għaldaqstant mistieden jissuġġerixxi li l-Kunsill jadotta d-Deċiżjoni ppreżentata fid-dokument 9500/22 bħala punt "A" flaqgħa li jmiss.
-